MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 609/1998/1

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ray's Garage sija bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Ray's Garage u b'nota tat-12 ta' Marzu 2003 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha tas-socjeta` Royal International Insurance Holdings Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Ray's Garage sija bil-polza u sija bil-ligi assumiet l-atti kollha tal-kawza minflok is-socjeta` Galdes & Mamo Ltd.**

**vs**

**Direttur tat-Toroq u Malta Development Corporation**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Frar 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-2 ta’ April 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ tmien mija u tnax-il lira Maltija u disgha u centezmi (Lm812.09c) rapprezentanti danni kagunati nhar it-8 ta’ Gunju 1996 fil-vettura V-4555 misjuqa minn Faustino Cachia u proprjeta’ tal-assikurat tal-attur nomine, meta waqt li dan kien qed isuq f’Ricasoli Industrial *Estate*, Kalkara, sfronda gandott tax-xita taht din l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 t’Awissu 1997 u bl-imghax mid-data tal-istess ittra li huma jew min minnhom il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tat-Toroq fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa Faustino Cachia, u cioe’ s-sewwieq tal-vettura, li hu unikament responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura.

2. Illi, minghajr pregudizzju, l-*Malta Development Corporation* hija responsabbli ghal *Industrial Estate*s u mhux l-esponenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta *Malta Development Corporation* fejn eccepiet:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.
2. Illi l-Qasam Industrijali ta’ Rikasoli, bhal kull Qasam Industrijali iehor huwa maghmul minn numru ta’ fabbriki mikrija lill-industrijalisti privati u service roads biex jigu wzati mill-utenti ta’ l-istess Qasam Industrijali.

3. Illi mhuwiex car x’kien qieghed jaghmel hemmhekk Faustino Cachia u jekk kellux dritt jaccedi fl-istess post.

4. Illi kull triq tista, b’xi mod jew iehor, tkun perikoluza u ghalhekk huwa d-dmir tas-sewwieq li jezercita’ diligenza ragjonevoli u jzomm l-attenzjoni tieghu fuq it-triq.

5. Salv eccezzjonijet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-korporazzjoni konvenuta *Malta Development Corporation* fejn eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-decizjoni in parte tad-19 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti dderimiet il-kwistjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-korporazzjoni konvenuta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.
Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident illi gara fl-*Industrial Estate* ta’ Ricasoli, li fiha kienet involuta l-vettura V-4555 misjuqa minn Faustino Cachia. L-incident sehh meta Cachia baqa’ diehel go *gully* mikxuf fi triq pubblika. Il-karozza tieghu sofriet danni illi gew imsewwija mill-kumpanija assikuratrici.

L-ewwel kontroversja illi nqalghet kienet tirrigwarda min mill-konvenuti kien responsabbli ghat-toroq u l-*industrial estate* inkwistjoni. Il-konvenut Direttur tat-Toroq qal li mhux hu kien responsabbli, izda l-korporazzjoni konvenuta. Jidher li din il-kwistjoni giet iccarata bix-xhieda ta’ Francis Mifsud a fol 96 li identifika ruhu bhala *senior technical advisor* tal-korporazzjoni konvenuta u li kien inkarigat mill-bini u fabbriki fl-*industrial estate*. Spjega li l-incident gara quddiem il-fabbrika bin-numru RL 9 u wara illi ra r-ritratti a fol 36 ikkonferma li dak kien il-post ta’ l-incident.

Ikkonferma wkoll illi t-toroq normalment huma responsabbilta’ tal-korporazzjoni konvenuta u spjega kif dan il-*gully* jew *water culvert* kellu l-gradilja nieqsa peress illi xi hadd kien seraqha. Spjega wkoll illi ta’ spiss kien isir dan it-tip ta’ serq, tant illi llum dawn il-gradilji qeghdin ikunu iwweldjati fil-post. Minn din ix-xhieda ghalhekk jirrizulta car illi hija l-korporazzjoni konvenuta *Malta Development Corporation* illi hija responsabbli ghat-triq inkwistjoni u mhux il-konvenut l-iehor Direttur tat-Toroq, ghalhekk din il-kawza ser titkompla fuq il-premessa li kienet il-korporazzjoni konvenuta responsabbli ghat-triq inkwistjoni.

Il-vertenza l-ohra li nqalghet kienet tirrigwarda d-data ta’ l-incident. Originarjament fl-avviz giet ndikata d-data 15 ta’ Gunju 1996, izda wara x-xhieda tas-Surgent Saviour Pulo’, din id-data giet mibdula ghat-8 ta’ Gunju 1996. Il-korrezzjoni saret bid-digriet ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Mejju 2000, wara li l-Qorti kellha quddiemha l-okkorrenza tas-Surgent fejn spjega li l-incident gara fit-8 ta’ Gunju 1996, izda gie rappurtat lill-pulizija fil-15 ta’ Gunju 1996.

Faustino Cachia filwaqt li ma kienx cert dwar id-data, qal illi jsiefer ta’ spiss u ghamel ir-rapport tieghu dakinhar ta’ l-incident. Milli jidher pero’, Cachia huwa zbaljat peress illi mill-provi jirrizulta illi huwa rrapporta l-incident ferm aktar wara u x’aktarx hawwad id-data tar-rapport lill-kumpanija assikurattrici illi huwa ammetta illi kienet xi erba jew hamest ijiem wara l-incident mar-rapport illi ghamel lill-pulizija. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq id-data

ndikata fl-okkorrenza li ggib id-data 8 ta' Gunju 1996 bhala d-data ta' l-incident. Ghalhekk darba gew solvuti dawn iz-zewg kwistjonijiet, il-Qorti trid tindaga jekk l-ente responsabbli, u cioe' l-korporazzjoni konvenuta kienetx negligenti fir-responsabbilta' taghha ghal l-*upkeep* tat-toroq fl-*estate*.

Ikkunsidrat:

Illi huwa massimu assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm risarciment tad-danni, trid tirrizulta negligenza jew traskuragni ta' min kien responsabbli illi dawk id-danni ma jsirux, ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga din il-kwistjoni fil-kuntest tar-responsabbilta' tal-korporazzjoni konvenuta.
Kif xehed Francis Mifsud a fol 96 ta' spiss kien jigri li l-gradilji tat-tappieri jkunu misruqa. Tant hu hekk, illi llum hadu mizura aktar deciza billi jiwweldjaw il-gradilji fil-post. Jidher pero' illi minkejja dan l-incident, l-korporazzjoni konvenuta ma ghamlet xejn biex tirrimedja il-mankament ghal almenu sena shiha. Tant hu hekk, illi b'ittra datata 25 ta' Marzu,1997 miktuba minn Reno Debattista ghan-nom tal-kumpanija assikuratrici (fol 35), gie ndikat illi minkejja illi ghadda dak iz-zmien kollu "*gutter is still in the same state…."* Dan ifisser quindi li minkejja li l-korporazzjoni konvenuta kienet taf illi dawn il-gradilji kienu qeghdin jinsterqu ta' spiss, sa almenu sena wara l-incident, is-sitwazzjoni baqghet l-istess u l-*gully* baqa' miftuh, b'perikolu ghall-utenti tat-triq, kemm nies, kif ukoll vetturi.

Dana jindika certa lassitudini u traskuragni da parti tal-korporazzjoni konvenuta, ghad illi mhuwiex maghruf kemm kienet ilha nieqsa din il-gradilja qabel l-incident. Veru illi normalment dak illi jkun gara wara l-incident ma jkollux importanza fuq l-incident proprja, pero' f'dan il-kaz, il-komportament tal-korporazzjoni konvenuta tirrifletti b'mod generali kif kienet tiehu hsieb il-manutenzjoni ta' dawn il-*water culvert*s u t-triqat taht ir-responsabbilta' taghha, liema responsabbilta' ma kienetx qed tittiehed bis-serjeta' li timmerita. Il-Qorti kienet tippretendi illi ladarba l-korporazzjoni konvenuta giet a konjizzjoni ta' dan l-incident, kellha tiehu l-mizuri mmedjati sabiex tara illi dan

il-*water culvert* ikun kopert skond l-arti u s-sengha, izda kif gia nghad ghal sena shiha wara l-incident ma sar xejn u dan il-*water culvert* baqa' miftuh u skopert bil-perikolu ghal haddiehor. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi hemm mankanza gravi da parti tal-korporazzjoni konvenuta li ma hadietx hsieb dawn it-toroq b'mod professjonali u hekk kif tinduna illi hemm xi hsarat jew xi serq fil-*water culvert*s dawna jigu rimedjati mmedjatament. Wiehed jista jaghti certa zmien sakemm il-korporazzjoni konvenuta tinduna illi jkun sar xi serq, pero' ladarba t-toroq huma responsabbilta' taghha, allura hija ghandha tassikura li jkun hemm min jerfa' din ir-responsabbilta' u jara illi t-toroq ikunu *safe* ghal karozzi u ghal persuni, billi jipprovedi dak li kien prevedibbli u cioe' s-serq tal-gradilji u l-probabbilta' ta' hsara lill-terzi bin-nuqqas tal-imsemmija gradilji. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandha tahti unikament u esklussivament il-korporazzjoni konvenuta li ghandha twiegeb ghad-danni reklamati mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tillibera lill-konvenut Direttur tat-Toroq mill-osservazzjoni tal-gudizzju. Tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta *Malta Development Corporation* li thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tnax-il lira Maltija u disgha u centezmi (Lm812.09c) rapprezentanti danni kagunati nhar it-8 ta' Gunju 1996 fil-vettura V-4555 misjuqa minn Faustino Cachia u proprjeta' tal-assikurat tal-attur nomine, meta waqt illi Cachia kien qed isuq f'Ricasoli Industrial *Estate*, Kalkara, sfronda go gandott tax-xita l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-korporazzjoni konvenuta *Malta Development Corporation."*

Minn din id-decizjoni appellat l-Malta Development Corporation bl-aggravji illi l-ewwel Qorti naqset li taghti l-importanza misthoqqa lid-data tal-incident. Tissottometti li l-fatti kif rakkontati mix-xhud Faustino Cachia huma

sospetti. Tillanja wkoll, b'aggravju, illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-fatt illi s-sewwieq ma kienx qed jezercita diligenza ragjonevoli.

Jidher minn kif impostat l-ewwel aggravju illi l-Korporazzjoni appellanti qed tittanta tispekula fuq il-fatt illi ghax ir-rapport lill-Pulizija sar f'data diversa minn dik tal-allegat incident, ergo l-fatti koncernanti l-istess incident ma kienux verosimili. Il-Korporazzjoni appellanti tigbed din l-inferenza mill-fatt illi x-xhud Faustino Cachia, sewwieq tal-karozza li ssubiet id-dannu, hawwad fid-data ta' meta ntavola r-rapport tal-Pulizija. Fatt dan li gie registrat ukoll fis-sentenza appellata izda li mbaghad dwaru l-ewwel Qorti gustament irrilevat illi kellha toqghod fuq il-prova certa ndikata fl-okkorrenza ta' PS 1114 Saviour Pulo (fol 43).

Il-Qorti la tista` toqghod fuq spekulazzjonijiet, la fuq suspetti u kongetturi u lanqas fuq l-immaginarju. Lanqas ma tista', b'dover, tirrikorri sempliciment ghar-regola ta' "in dubio pro reo" meta jista' jkollha l-konfort, fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, ta' dak li seta' gara jew almenu taccetta bhala plawsibbli l-ispjegazzjoni moghtija u li hi tqisha sufficjenti ghall-konvinciment taghha. Dan hu dak li jidher li sar mill-ewwel Qorti f'dan il-kaz. Hu zgur pero` li din il-Qorti ma tistax toqghod fuq is-semplici accenn ta' suspetti, xejn sostnuti u pprovati. In vista ta' dan din il-Qorti ma ssibx raguni serja bizzejjed biex issostni l-ewwel aggravju.

Kwantu ghat-tieni aggravju din il-Qorti lanqas ma tara kif tista' logikament taccetta l-argoment illi dak li sehh kienet mankanza ta' ezercizzju ta' diligenza da parti tas-sewwieq u mhux kawza tal-fatt illi t-tappiera tal-culvert ma kienetx f'postha. Ghal din il-Qorti l-fatt li l-culvert in diskussjoni kien vicin bankina fi triq pjuttost wiesgha ma jgibx ghalhekk biss illi s-sewwieq kien negligenti. Ma tezisti l-ebda logika konvincenti ghal konkluzjoni bhal din.

Il-fatt jibqa' dak illi l-incident sehh, il-vettura sofriet danni u min kien responsabbli ghal manutenzjoni tat-toroq ma hax kura bizzejjed biex jigi assikurat illi t-triq partikolari setghet tigi transitata bla xkiel. Multo magis, imbaghad, meta kien

notorju mill-istess Korporazzjoni appellanti tar-rikorrenza tas-serq tal-culverts. Tabilhaqq, jista' jinghad "contra factum, non est argomentum".

Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001**) kellha dan xi tghid:-

"Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa e` tenuta a far si che l''opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto)."

Premessa din il-precizazzjoni ta' dritt u ezaminati mill-gdid il-provi in atti, senjatament id-deposizzjoni ta' Francis Mifsud, Senior Technical Advisor tal-korporazzjoni appellanti (fol 96), din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddipartixxi mir-ragjonament u l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell intavolat mill-Malta Development Corporation qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------